# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 10/2019

3 ta' Lulju,2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-6:15pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Janice Azzopardi | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Francis Callus | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**10.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku**

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus minħabba li huwa l-aktar kunsillier anzjan mill-Kunsillier eletti ppreseda is-seduta.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus talab lill-Kunsillier Johan Mula li kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li fl-elezzjoni kiseb il-maġġoranza

assoluta ta' kunsillieri, jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku.

Il-Kunsillier is-Sur Johan Mula quddiem l-preżena tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr.Matthew Brincat aċċetta l-kariga ta' Sindku u ffirma dikjarazzjoni u għaddieha lis-Segretarju Eżekuttiv.

**10.2 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi-Sindku**

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus talab lill-Kunsilliera Janice Azzopardi li kisbet it-tieni l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li fl-elezzjoni kiseb il-maġġoranza assoluta ta' kunsillieri, jekk taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku.

Il-Kunsilliera Janice Azzopardi quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Matthew Brincat aċċettat l-kariga ta' Viċi-Sindku u ffirmat dikjarazzjoni u għaddietha lis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv laqgħet l-aċċettazzjoni tal-kariga tas-Sindku mingħand Johan Mula kif ukoll l-aċċettazzjoni tal-kariga tal-Viċi Sindku mingħand Janice Azzopardi, skond ir-riżutat elettorali tal-25 ta' Mejju, 2019, hekk dikjarat mill-Kummissjoni Elettorali.

Is-Sindku Johan Mula ppreseda s-seduta.

**10.3 Karigi tal-Kunsilliera**

Is-Sindku qal li l-ewwel xtaq jifraħ lill-Kunsilliera eletti u anki dawk li ma gewx eletti. Huwa qal li jħoss li f'din il-leġislatura ser ikollna kontinwita' tax-xogħol li konna bdejna fil-leġislatura l-oħra.

Is-Sindku qal illi wara li kien iltaqa' mal-Kunsilliera kollha, kien ser iqassam id-dikasteri kif ġej:

**Is-Sindku s-Sur Johan Mula**: Proġetti, Xogħolijiet, Edukazzjoni, Kultura, Fondi Ewropej u Trasport u Traffiku

**Il-Viċi-Sindku s-Sinj: Janice Azzopardi**: Anzjani u Innovazzjoni u Komunita' Kummerċjali.

**Il-Kunsilliera s-Sinj: Joanna Abdilla**: Sports u attivitajiet fiżiċi, Żagħżagħ u tfal, Integrazzjoni Soċjali u Qasam Soċjali, Attivitajiet u Għaqdiet tal-Lokal.

**Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus:** Infrastruttura, Il-Ħarsien tal-Annimali, Saħħa u Sigurta'.

**Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla**: L-Indafa u Ambjent.

**10.4 Messaġġ tal-Okkażjoni**

Is-Sindku għalaq din il-laqgħa billi qal li persważ illi jekk il-Kunsill kollu jagħmel sforz kollettiv żgur li jkollna riżultati aħjar. Is-Sindku qal li jħoss li hu flimkien mal-Kunsilliera jridu jaħdmu għal ġid ta' Ħal Safi aħjar.

**10.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-5:50. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju, 2019 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Mula | Segretarju Eżekuttiv |